# IL-BIBBJA
# U
# T-TRASFUŻJONI
# TAD-DEMM

Minn
George Ebejer

# IL-BIBBJA U T-TRASFUŻJONI TAD-DEMM

F'dan l-istudju jiena sejjer nippreżenta dak lix-Xhieda ta' Jehovah kienu jgħallmu fil-passat dwar it-trasfużjoni tad-demm u dak li huma qegħdin jgħallmu llum.

L-ewwel ħaġa li nixtieq nagħmilha ċara hija, illi fil-Bibbja **mkien** ma nsibu ikkmandat li l-bniedem ma jistax jagħti demm lill-bniedem ieħor permezz ta' trasfużjoni tad-demm. Għalhekk jiena sejjer nuri s-siltiet kollha li jappartjenu għal dan is-suġġett u li jinġiebu bħala prova mix-Xhieda ta' Jehovah.

Din id-duttrina falza kienet għall-ewwel darba miġjuba 'l quddiem fit-Torri ta' l-Għassa (Il-Watchtower) fl-ewwel ta' Lulju, 1945, f'artiklu intitolat "Is-Santità tad-Demm," paġna 201. Dan qal illi "jkun ksur tal-patt ta' Ġeħovah li tagħmel trasfużjoni tad-demm uman, ukoll jekk il-ħajja tal-pazjent tkun tiddependi fuqha." Iżda nistaqsi jien*: "Dwar* ***liema patt*** *qegħdin nitkellmu?*"

Jekk il-Bibbja minn dejjem għallmet dan, u l-artiklu tat-Torri ta' l-Għassa huwa l-interpretu veru ta' l-Iskrittura Mqaddsa, għaliex dan ma kienx mgħallem qabel is-sena 1945? Xi ngħidu dwar dawk ix-xhieda kollha fidili ta' qabel is-sena 1945? Kienu dawn mgħallmin ħażin?

Aħna neżaminaw l-Iskrittura Mqaddsa sewwa, dawk is-siltiet kollha li huma wżati bħala appoġġ ta' din id-duttrina falza, u **l-kontenut** tagħhom, ħalli naraw sewwa x'jgħallmu dwar dan is-suġġett. L-Iskritturi miġjuba huma dawn:

**Ġenesi 9:3-7**,

> *"Kull ħlieqa li titħarrek u ħajja tkun għalikom ta' ikel; kif ukoll il-ħaxix aħdar, kollox nagħtikom. Iżda tiklux laħam li jkun għadu bil-ħajja tiegħu, li hi demmu. U tassew tad-demm tagħkom, li hu l-ħajja tagħkom, jien nitlob ħaqq; minn għand kull bhima nitolbu, u minn għand il-bniedem; minn għand kull wieħed bħalu nitlob ħaqq tal-ħajja tal-bniedem.*

*Kull min ixerred demm il-bniedem, mill-bnedmin demmu jixxerred: għax bi xbihat Alla, Alla għamel il-bniedem. U intom nislu, u oktru; u xterdu fl-art, u oktru fiha.*"

Dan kien intqal lil Noè dwar dak li kellu **jittiekel**. Din is-silta qed titkellem dwar annimali li Alla kien ta lilna biex nieklu. Il-mistoqsija li jiena nistaqsi hawn hija din: *"Għandu dan x'jaqsam mat-trasfużjoni tad-demm uman li jkun jaqbel bħala kura medika, Iva jew le?*"

Ix-Xhieda ta' Jehovah jargumentaw li billi Noè hu l-antenat tal-bnedmin kollha, dan il-patt għandu jorbot fuq il-bnedmin kollha. Ix-Xhieda ta' Jehovah jaqblu mal-biċċa l-kbira tal-Kristjani li l-Liġi Możajka kienet imeħħija, jew kienet imwettqa meta Ġesù Kristu miet, imma dan, jgħidu huma, mhuwiex parti minn dik il-liġi. Il-patt ma' Noè għadu jorbot, skond is-Soċjetà tat-Torri ta' l-Għassa, li tgħid:

**"Il-Waqfien Sod ta' Alla dwar id-Demm**

Id-demm huwa msemmi aktar minn 400 darba fil-Kelma ta' Alla, il-Bibbja. Fost l-aktar kmieni hemm id-digriet ta' Jehovah: "Kull ħlieqa li titħarrek u ħajja tkun għalikom ta' ikel…Iżda tieklux laħam li jkun għadu bil-ħajja tiegħu, li hi demmu." Hu żied: "Għall-ħajja tad-demm tagħkom ċertament li jiena nitlob kont" (Ġenesi 9:3-5, NIV). Jehovah qal dan lil Noè, proġenitur tal-familja umana. Għalhekk, l-umanità kollha kienet impoġġija fuq avviż li l-Ħallieq iħares lejn id-demm bħala li jieqaf għall-ħajja. Kull min jistqarr li jagħraf lil Alla bħala Dak li Jagħti l-Ħajja għandu hekk għalhekk jagħraf li Hu jieħu pożizzjoni soda dwar li juża demm tal-ħajja." (It-Torri ta' l-Għassa, Ġunju 15, 1991, p. 9)

Hija din interpretazzjoni korretta? Ħalli nħarsu lejn l-elementi ta' dan il-patt. Aħna nsibu tliet ħtiġijiet jew liġijiet li jorbtu għall-bnedmin:

1. Huma mħollija li jieklu laħam mill-annimali, imma mhux laħam bir-ruħ jew bid-demm tiegħu għadu fih.
2. Huma pprojbiti milli jxerrdu d-demm (jiġifieri, qtil), u Alla jkun jeħtieġ li qattiela nfushom ikunu mpoġġija għall-mewt.
3. Huma għandhom ikollhom ħafna tfal, "*U intom nisslu, u oktru; u xterdu fl-art, u oktru fiha*."

Jekk aħna nittrattaw dawn il-punti f'ordni b'lura, mill-ewwel isir apparenti lis-Soċjetà tat-Torri ta' l-Għassa ma tantx hija onesta dwar din l-allegata liġi universali. Huwa magħruf sewwa lis-Soċjetà tat-Torri ta' l-Għassa ma topponix il-kontroll tat-twelid, u lanqas ma huma jagħtu l-parir li jkollhom ħafna tfal (anzi għall-kuntrarju, fil-fatt). F'artiklu wieħed huma qalu:

> "Dawk li jargumentaw kontra l-kontraċezzjoni spiss juru l-kmand Bibliku mogħti lil Adam u Eva: "…Nisslu, u oktru, u imlew l-art…" (Ġenesi 1:28). Iżda, kif il-kittieb Spanjol Ricardo Lezcano osserva tajjeb: "Jidher b'xi mod kontradittorju li tapplika għal 4,000 miljun bniedem l-istess formula li kienet applikata lil żewġ abitanti biss tal-pjaneta." Dan il-kmand kien biċ-ċar relatat għaċ-ċirkustanzi speċjali li kienu jeżistu f'dak il-waqt." (Awake! Settembru 22, 1989, pp. 23-4)

Mhuwiex diffiċli li taqbel ma' dan l-argument, imma kif nistgħu naraw, Alla rripeta **l-istess kliem lil Noè** bħala parti mill-"patt ta' dejjem" li Hu għamel miegħu. Dwar dan, is-Soċjetà tat-Torri ta' l-Għassa *hija siekta*. Waqt li Ġenesi 9:4 huwa ikkwotat fil-letteratura tas-Soċjetà tat-Torri ta' l-Għassa prattikament kull sena bħala kmand dirett biex jastjenu mid-demm, aħna rridu naħdmu iebes ħafna biex forsi nsibu riferenzi għall-kmand dirett l-istess biex noktru. Meta nsibuh, aħna

naraw li dak li hu kkunsidrat bħala l-aktar strett minn fost il-kmandi fejn jikkonċerna d-demm huwa sempliċiment injorat fejn jikkonċerna li jkollok it-tfal:

> "Kif rajna fil-bidu ta' din id-diskussjoni, li jkollok it-tfal huwa rigal ta' Alla. (Salm 127: 3) Huwa privileġġ uniku li mhuwiex maqsum mill-kreaturi spirti ta' Jehovah. (Mattew 22: 30) Kien hemm waqtiet meta li jkollok it-tfal kien jifforma parti mix-xogħol li Jehovah assenja lill-qaddejja tiegħu fuq l-art. Dan kien il-każ ma' Adam u Eva. (Ġenesi 1:28) **Kien tassew dwar dawk li għexu fid-dilluvju. (Ġenesi 9:1)** Ġeħovah ried li l-ulied ta' Iżrael isiru numerużi billi jkollhom it-tfal. – Ġenesi 46:1-3; Eżodu 1:7, 20; Dewt. 1:10.
>
> **Illum, li jkollok it-tfal mhuwiex speċifikament parti tax-xogħol li Jehovah kien ikkommetta lill-poplu tiegħu**. Madankollu, dan għadu privileġġ li hu jagħti lin-nies miżżewwġa jekk huma jixtiequh. Koppji Kristjani li jiddeċiedu li jibdew familja m'għandhomx, mela, ikunu kkritikati; lanqas m'għandhom koppji jieqfu milli jkollhom it-tfal." (*It-Torri ta' l-Għassa*, Marzu 1, 1988, pp. 25-6; enfasi miżjuda)

Ukoll għalkemm hawn jintqal li hija deċiżjoni personali, aħna nafu lis-Soċjetà tat-Torri ta' l-Għassa għandha storja twila li targumenta *bil-qawwa* li jkollok it-tfal "fit-tmiem taż-żmien:"

> "Ikun Skritturalment xieraq għal dawk li issa jiżżewwġu biex ikabbru t-tfal? Le, hija t-tweġiba, li hija appoġġjata mill-Iskrittura." (*Face the Facts*, 1938, p. 46)

Jekk il-patt ma' Noè kien tabilħaqq etern, allura jkun daħk fil-wiċċ li tgħid "li jkollok it-tfal mhwiex speċifikament parti tax-

xogħol li Jehovah kien ikkommetta lill-poplu tiegħu," għaliex **li tkattar dejjem kien parti ta' dak il-patt**.

Iżda, huwa faċli li taqbel mas-Soċjetà tat-Torri ta' l-Għassa li dan il-patt tabilħaqq, ma japplikax għall-Kristjani, għallanqas mhux f'dan is-sens strett. Aħna nafu li Pawlu argumenta li jista' jkun aħjar għal xi wħud li ma jiżżewġux (1 Korintin 7:38). Aħna nafu lit-Testment il-Ġdid ma jirriferixxix għall-patt ma' Noè bħallikieku dan kien importanti li nosservawh llum. **Dan, naturalment, iħallina bil-konklużjoni li l-parti dwar id-demm lanqas ma tapplika**.

**It-tieni punt** f'dan il-patt huwa l-kmand ċar li m'għandekx ixxerred demm, u li jekk xi ħadd ixerred id-demm, in-nies l-oħra sħabu huma meħtieġa li jġiegħeluh iħallas b'demmu stess. Dan mhuwiex ċar daqs kemm jinstema'. Huwa evidenti li l-esspressjoni "kull min ixerred demm il-bniedem" (Ġenesi 9:6) tirriferi għall-*qtil*. Iżda, aħna naraw malajr li fit-trattar ta' Alla ma' Iżrael dawn iż-żewġ ħtiġijiet kienu kkwalifikati. Iżrael għamel ggwerra, u suldat ma kiser l-ebda patt meta hu qatel għadu. Ukoll, ħafna delitti barra mill-qtil kienu delitti kapitali. Ukoll aktar importanti, aħna naraw li Alla ma kienx jeħtieġ persuna li tkun maqtula jekk din tkun qatlet mingħajr ma ttendiet. Meta niġu għal l-epoka Kristjana, aħna nafu li l-appostlu Pawlu kien maħfur ukoll għalkemm hu kien responsabbli għall-qtil ta' Stiefnu (Atti 7:54—8:3). Aħna nafu li Ġesù enfasizza l-imħabba fuq l-ittra tal-liġi.

Fl-aħħarnett, ħalli ninnutaw il-kliem użat biex jesprimi l-kmand kontra l-qtil: "*ixerred id-demm tal-bniedem*." Huwa ċar minnu nnifsu li din mhijiex regola kontra li tħalli d-demm tiegħek stess li jkun imxerred jekk int, eżempju, taqta' idek b'aċċident. Id-demm huwa sempliċiment *simbolu* tal-ħajja. Id-demm letterali mhuwiex importanti, il-ħajja hija importanti hawn, jew inkella jkun permess li toqtol bil-velenu jew billi tifga lil dak li jkun. Ħadd ma jargumenta ma' dan, imma li ninterpretaw l-ewwel parti tal-patt, għandna nżommu f'moħħna li "d-demm" huwa metafora f'dawn il-versi *kollha*.

**L-ewwel punt**, li huwa l-wieħed importanti hawn, hu *li "Biss laħam għadu bil-ħajja tiegħu, li hi demmu, la tikluhx*" (Ġenesi 9:4). Ilkoll naqblu li hawn l-awtur ta' Ġenesi, Alla, mhux qiegħed jirriferi għad-demm imma għall-ħajja! Dan hu l-kmand ċentrali.

Huwa ta' spiss argumentat li l-vers jipprojbixxi l-ikel tal-laħam bid-demm fih. Imma l-vers dan ma jgħidux. Kif diġa rajna, kemm mill-vers innifsu u mit-trattament tagħna dwar il-projbizzjoni kontra l-qtil, "demm" huwa metafora. Il-metafora hija spjegata espliċitament li tkun dwar il-*ħajja*. Vers 4 jgħid, "*Iżda tiklux laħam li jkun għadu bil-ħajja tiegħu, li hi demmu.*" Aħna nistgħu naraw li f'dan il-vers, id-demm *huwa* ħajja. It-"tixrid tad-demm" ipprojbit fil-patt kien dwar il-qtil. Fl-istess mod, id-demm huwa l-ħajja fl-annimali maqtula għall-ikel. Huma ma kinux imħollija jieklu laħam minn annimal li kien għadu mhux mejjet. Illum, din tinstema' bħala regola mhux neċessarja. Iżda, dan għadu jiġi pprattikat fl-Afrika (ara Claus Westermann: *Genesi 1-11. A Commentary*, 1984, p. 464).

Dawk li jargumentaw li dan hu ħażin, għandhom ukoll loġikament jistqarru lir-regola dwar "it-tixrid tad-demm" fl-istess silta tapplika għat-test modern tad-demm. **Aktar minn hekk, huma jkollhom jargumentaw li dak li jagħmilha ħażin li tieklu, huwa d-*demm innifsu*.** Dan ikun proble-matiku, għaliex ukoll l-aktar tneħħija tad-demm bir-reqqa kollha ta' l-annimali tħalli li madwar ħamsin fil-mija tad-demm ikun għadu fil-laħam! Naturalment, mela, jekk demm mhux interpretat simbolikament, ikun impossibbli li tieħu vantaġġ tal-permess ta' Alla ħalli tiekol il-laħam. Billi din ir-regola *ippermettiet* lin-nies ħalli jieklu l-laħam, kondizzjoni neċessarja li huma tabilħaqq jistgħu jieklu l-laħam b'xi demm fih.

Waqt li l-aktar interpretazzjoni diretta ta' dawn il-versi turi li huma dwar li joqtlu sewwa l-annimali qabel ma jikluhom, huwa wkoll tassew li din ir-regola hija relatata għal-Liġi Możajka, li titlob espliċitament li annimal ikun żvinat b'mod xieraq u pprojbixxiet *l-ikel tad-demm*. Din il-liġi għadha obduta mil-

Lhud, Musulmani u minn xi gruppi Kristjani llum—inkluż ix-Xhieda ta’ Jehovah.

Ma hemm ebda dubju li din ir-regola li titlob li l-annimali għandhom ikunu maqtula sewwa hija raġuni waħda għall-projbizzjoni kontra li tiekol id-demm, billi din il-proċedura tiggarantixxi li l-annimal hu mejjet. Dan hu l-prinċipju wieħed wara l-Liġi Możajka.

## IL-LIĠI TA’ MOSÈ — REGOLAMENTI DWAR ID-DIETA

**Taħt il-Liġi Możajka**, li toqtol annimal kien f’sens wieħed l-istess bħal *qtil*. Il-qdusija tal-ħajja kienet prinċipju ċentrali tal-Liġi. Din il-qdusija kienet tidher f’ħafna modi, inkluż il-ħafna regolamenti realtati għall-qawwiet prokreattivi u d-demm tal-ħajja. Aħna sejrin nikkonċentraw fuq ta’ l-aħħar. Aħna naqraw mil-Liġi:

> “*Kull wieħed minn dar Iżrael, li joqtol gendus, jew ħaruf, jew mogħża, ġewwa kamp, jew joqtolha barra l-kamp, u ma jġibhiex f’bieb it-tinda tal-laqgħa, biex joffri offerta lill-Mulej quddiem it-tabernaklu tal-Mulej, ikun magħdud ħati tad-demm; għax xerred id-demm; u dak ir-raġel ikun maqtugħ minn fost niesu*” (Levitku 17:3-4).

Mela, sakemm ir-raġel li jkun qatel annimal jagħti widen għal liġi tad-dieta, hu jkun ħaqqu l-mewt l-istess bħallikieku hu jkun qatel bniedem ieħor. Il-ħajja kienet qaddisa, ukoll il-ħajja ta’ l-annimali. Biex tikkumpensa għat-tneħħija ta’ ħajja, id-demm kellu jkun offrut lil Alla. Naqraw f’Levitku 17:6,

> “*U l-qassis ixerred id-demm fuq l-artal tal-Mulej fil-bieb tat-tinda tal-laqgħa, u jaħraq ix-xaħam b’rieħa tfuħ lill-Mulej*”

Fil-każ ta’ kaċċa u qtil, ir-regoli kienu aktar sempliċim imma xorta l-persuna kellha tieħu lura d-demm lil Alla:

> “*U kull wieħed minn ulied Iżrael, jew mill-għorba li jgħammru fostkom, li jonsob u jaqbad xi dbiba jew tajra li jistgħu jittieklu; ixerred demmhom, u jgħattih bit-trab*” (Levitku 17:13).

Dawn ir-regolamenti kienu obligatorji u li ma jvarjawx għal l-Iżrael, ukoll japplikaw għall-barranin li kienu jgħixu fil-pajjiż.

> “*Għax il-ħajja tal-laħam hi fid-demm: u jien tajtulkom fuq l-altar biex tagħmlu offerta ħa tgħattu dnubkom għalikom infuskom; għax hu d-demm, li hu l-ħajja, li jgħatti d-dnub. Għalhekk jien għidt lil ulied Iżrael: Ħadd minnkom ma jiekol id-demm, lanqas l-għarb li hemm fostkom ma għandu jiekol id-demm*” (Levitku 17:11-12).

Din in-natura obligatorja u assoluta ta’ dawn il-liġijiet turi li huma morali, kif huma kuntrarju għal-liġi ċeremonjali li tista’ jew ma tistax tapplika għal l-abitanti kollha. Ukoll, aħna naraw lid-demm huwa l-ħajja tal-kreatura. Il-provvediment li xxerred id-demm u tagħtih lura lil Alla m’għandu x’jaqsam xejn mad-demm innifsu, bħallikieku l-fluwidu kien maġiku fih innifsu. Dan kellu x’jaqsam ma’ rispett għall-ħajja. Dan jista’ jidher mill-fatt li f’każi ta’ annimali li kienu ġew maqtula minn predaturi, strangulazzjoni jew kawżi naturali, u kien għad għandhom id-demm fihom, ma kinux imħarsa minn il-projbizzjoni assoluta kontra li tiekol id-demm. Ċertament, l-Iżraelin ma kinux imħollija li jikluh, imma dan kien minn ħarsa purament ritwalistika. Il-persuna ma kellha ebda ħtija tad-demm, kif persuna li tkun qatlet annimal hija nfisha jkollha:

> “*Għax kull min jiekol minn xi bhima li mietet weħidha, jew imqattgħa minn xi dbiba, sewwa jekk ikun mill-pajjiż, sewwa jekk ikun għarib, jaħsel ħwejġu, u jinħasel fl-ilma, u jdum imniġġes sa filgħaxija: u mbagħad jindaf. Iżda jekk ma jaħsilhomx, u lanqas jaħsel*

*ġismu, iġib fuqu l-ħtija tiegħu*" (Levitku 17:15-16. Ara wkoll Levitku 11:39-40).

Li din ir-regola kienet ritwalistika u ftit kellha x'taqsam mal-qdusija tad-demm innifsu, huwa ċar minn dawn il-versi:

"*La tieklu xejn li jmut waħdu: tista' tagħtih lill-għarib li hemm 'il ġewwa minn bwiebek, biex jieklu; jew tbiegħu lil xi barrani: għax int poplu mqaddes lill-Mulej, Alla tiegħek...*"

Il-bażi għall-projbizzjoni kontra l-ikel ta' annimali li mietu weħidhom kienet il-qdusija tal-poplu, mhux in-natura sagra tad-demm.

F'sommarju, il-liġi f'Levitku kapitli 17 u 18 fiha numru ta' regolamenti. Dak li hu komuni għal dawn, huwa li mhux bħal-qisien tal-liġijiet l-oħra tad-dieta u qdusija, dawn kienu wkoll japplikaw għall-barranin li kienu jgħixu f'Iżrael. Aħna naraw dan bħal li kien importanti ħafna aktar tard f'dan l-istudju, meta nittrattaw id-digriet appostoliku f'Atti kapitlu 15. Dawn ir-regoli kienu:

Offerti (tabilħaqq, offerti ta' ikel fejn il-persuna kienet tieħu parti fl-ikla) għandhom ikunu miġjuba lil Jehovah waħdu, mhux lil allat oħra (Levitku 17:1-9).

Huma ma kinux imħollija li jieklu d-demm (Levitku 17:10-14). Huma ma kinux jistgħu (jekk mhux f'emerġenza; ara Dewteronomju 14:21, 28, 29) jieklu annimali li kienu mqattgħa jew li kienu mietu weħidhom (Levitku 17:15,16).

Huma kellhom jieqfu minn ċertu prattika u relazzjonijiet sesswali (Levitku 18:1-27). Aħna niġu lura għal dawn ir-regoli aktar tard, billi dawn għandhom parti importanti fl-hekk imsejjaħ digriet appostoliku.

## IL-KRISTJAN U D-DEMM

Is-Soċjetà tat-Torri ta' l-Għassa taqbel li l-liġi ta' Mosè m'għadix aktar tapplika għall-Kristjani. Madankollu hija tgħid li din ir-regola partikulari dwar li ma tikolx id-demm kienet ripetuta lill-Kristjani fl-hekk imsejjaħ digriet appostoliku mill-

konċilju appostoliku f'Ġerusalem. L-argument ikompli hekk: "Innota x'ġara meta, snin wara l-mewt ta' Ġesù qamet kustjoni dwar jekk xi ħadd li jsir Kristjan kellux iżomm il-liġijiet kollha ta' Iżrael. Dan kien diskuss f'konċilju ta' ġisem li jaħkem tal-Kristjani, li nkluda l-appostli. Ħu Ġesù, Ġakbu, irrefera għall-kitba li kien fiha l-kmandi dwar id-demm li ntqalu lil Noè u lin-nazzjon ta' Iżrael. Ikunu dawn jorbtu fuq Kristjani? – Atti 15:1-21.

Il-konċilju bagħat id-deċiżjoni tiegħu lill-kongregazzjonijiet kollha: Kristjani m'għandhomx il-bżonn li jżommu l-kodiċi mogħtija lil Mosè, imma huwa "neċessaru" għalihom li "jitbiegħdu minn ħwejjeġ issagrifikati lil idoli u mid-demm u minn ħwejjeġ maħnuqa [laħam bid-demm fih] u miż-żina." (Atti 15: 22-29) L-appostli ma kinux qegħdin jippreżentaw sempliċiment ordinanza ritwali jew ta' dieta. Id-digriet poġġa normi etiċi fundamentali, li l-Kristjani tal-bidu mxew fuqhom. Madwar għaxar snin wara huma għarfu li kellhom jibqgħu "jżommu ruħhom lura minn dak li huwa ssagrifikat lil idoli kif ukoll mid-demm…u miż-żina." – Atti 21:25. (Kif id-Demm jista' Jsalva l-Ħajja Tiegħek?, 1990, p. 5)

Hija ħaġa ta' l-għaġeb li dan il-ktejjeb bi 32 paġna jittratta t-test tal-Bibbja b'mod daqshekk traskurat. Is-Soċjetà tat-Torri ta' l-Għassa qatt ma pprovdiet eseġesi (tifsira) bil-għaqal ta' din is-silta Biblika li hija l-ġebla tax-xewka tal-pożizzjoni tagħha fuq id-demm. Il-versi wżati bħala testi ta' prova huma maħruġa barra b'mod diżonest mill-kuntest tagħhom.

F'kull prattikament kummentarju tal-Bibbja li qatt inkiteb fuq il-Ktieb ta' Atti, huwa muri sewwa u bil-għaqal kemm hija ħażina din l-applikazzjoni. L-argumenti kontra dan li sejrin nippreżentaw huma kompletament mhux magħrufa għall-maġġoranza kbira tax-Xhieda ta' Jehovah. Is-Soċjetà tat-Torri ta' l-Għassa qatt ma ppruvat serjament li tittratta magħhom, u lanqas saħansitra ma tikkwota l-iskritturi relevanti kollha meta din tittratta mas-suġġett tad-demm. Għalhekk wieħed għandu jkun attent ħafna qabel ma jaċċetta xi tagħlim ġdid!

*Sfond:*
Waħda mill-aktar ħwejjeġ importanti fil-kongregazzjoni tal-Kristjani tal-bidu kienet ir-relazzjoni bejn il-Ġentili (pagani) u l-Lhud. Waqt lir-reliġjon il-ġdida kellha l-oriġini tagħha fil-Ġudaiżmu, kien hemm numru sinifikanti ta' membri li ma kinux Lhud. Kristjani Lhud argumentaw li l-konverti pagani jew Ġentili kellhom ikunu ċirkonċiżi u jsegwu l-Liġi, b'hekk jgħixu bħala proseliti Lhud. L-appostlu Pawlu, li kien il-biċċa l-kbira responsabbli li jġib il-Ġentili fil-kongregazzjoni Kristjani, ma qabilx. Naqraw f'Atti 15:1, 2,

> "*U xi wħud li niżlu mil-Lhudija għallmu lill-aħwa, u qalu: Jekk ma tkunux ċirkonċiżi skond id-drawwa ta' Mosè ma tistgħux issalvaw. Meta mela Pawlu u Barnaba kellhom ġlieda u disputa mhux żgħira magħhom, qatgħuha li Pawlu u Barnaba, u xi oħrajn minnhom, jitilgħu Ġerusalem għand l-appostli u x-xjuħ fuq dil-biċċa.*"

Hu evidenti minn ħafna siltiet fit-Testment il-Ġdid li l-konflitti bejn il-Kristjani Ġentili u dawk Lhud kienu twal u sħan. Pawlu u Barnaba kienu fost dawk li argumentaw li ma kienx neċessarju li ssegwi t-Torah. Kontrihom kien hemm "xi wħud" mil-Lhudija, probabbilment minn Ġerusalem, li kienu ġew f'Antjokja biex jiżguraw li Pawlu kien għallem lil konverti ġodda skond it-tradizzjoni minn Mosè. Ma kien hemm ebda raġuni li jmorru f'Ġerusalem ħlief għall-fatt li "xi wħud" kienu ġew minn dak il-post. Il-"kongregazzjoni omm" f'Ġerusalem naturalmet kienet tgawdi ċertu stat, u jidher li probabbilment l-irġiel Lhud kienu se jieħdu l-awtorità ta' l-appostli, b'hekk jagħtu l-impressjoni lit-tagħlim kontroversjali ġie mill-appostli nfushom (ara Atti 15:24). Mela biex isibu s-sors tal-messaġġ kontroversjali u jsibu jekk dan kienx tabilħaqq it-tagħlim ta' l-appostli, il-kongregazzjoni (knisja) ta' Antjokja bagħtet lil Pawlu u l-Barnaba f'Ġerusalem. Waqt li kienu hemm, huma kienu milqgħuha tajjeb, imma opponuti wkoll:

> “*Imma qamu x’uħud tas-setta tal-Fariżej li kienu emmnu, igħidu: Jaħtieġ li dawk ikunu ċirkonċiżi, u mġegħlin iħarsu l-liġi ta’ Mosè*” (Atti 15:5).

Iżda, dawn in-nies sabu lilhom infushom weħidhom mhux ħażin fid-dibattitu, jekk aħna niġġudikaw mis-sommarju qasir tal-kunsill li nsibu fil-Ktieb ta’ Atti. Pietru afferma bil-qawwa:

> “*Iżda aħna nemmu li bil-grazzja tal-Mulej Ġesù Kristu nsalvaw, bħalhom ukoll*” (Atti 15:11).

Ħniena mhux mistħoqqha, jew grazzja, mhux opri ta’ xi xorta kienet il-bażi għas-salvazzjoni. Wara li semgħu r-rapporti ta’ Pawlu u Barnaba dwar l-għeġubijiet ta’ l-ispirtu fost il-Ġentili, Ġakbu ta’ d-diskors impressiv li kellu jikkonkludi dan il-“kunsill appostoliku.”

*Id-Deċiżjoni Uffiċjali:*

It-tensjoni bejn il-Kristjani Lhud u dawk Ġentili kienet problema fi bżonn ta’ soluzzjoni. Bħal Pawlu u Pietru, Ġakbu afferma bil-qawwa li l-Ġentili m’għandhomx ikunu meħtieġa li jsegwu t-Torah. Iżda, biex inaqqas t-tensjonijiet, Ġakbu qal:

> “*Għalhekk il-fehma tiegħi hi, li ma nħabbtux lil dawk, li min fost il-Ġentili jduru lejn Alla, iżda niktbulhom, biex jitbiegħdu mit-tinġis ta’ l-idoli, u miż-żina, u minn ħwejjeġ maħ-nuqa, u mid-demm*” (Atti 15:19-20).

Is-Soċjetà tat-Torri ta’ l-Għassa tistqarr li dawn ir-regolamenti kienu eterni u li jorbtu fuq l-umanità kollha, u għalhekk kienet ħtieġa għall-Kristjani kollha li jżommu lura mid-demm. Imma t-test ma jgħidux dan. Dak li hu diskuss mhuwiex is-sett minimu ta’ prinċipji Kristjani li għandhom ikunu obduti, billi hemm mumru mhux ħażin ta’ prinċipji bħal dawn li mhumiex imniżżla hawn. Xi wħud ta’ min jinnotahom li huma neqsin hawn: la tigdibx, la toqtolx, eċċ. Għaliex Ġakbu jsemmi dawn l-erba’

ħwejjeġ biss? Iċ-ċavetta hija mogħtija minn Ġakbu fil-vers ta' wara:

> "*Għax Mosa minn żminijiet qodma għandu f'kull belt min ixandru, billi jinqara fis-sinagoga kull nhar ta' Sibt*" (Atti 15:21).

Iva, ir-raġuni għal din ir-rikmandazzjoni hija li Mosè hu moqri b'vuċi għolja kull Sibt. Innota l-kelma "għax" bħala kontinwazzjoni diretta tal-kliem ta' qabel. Kif jista' l-qari ta' Mosè jkun kawża diretta għal li tikteb lill-Ġentili biex jibqgħu lura mid-demm?

It-tweġiba tinsab billi neżaminaw liema erba' ħwejjeġ huma mniżżla hawn. Aħna niftakru s-sommarju tar-regolamenti f'Levitku 17:1 sa 18:27. Dawn kienu xi partijiet speċifiċi tal-liġi tad-dieta, jiġifieri, dawk li applikaw ukoll għall-barranin li kienu jgħixu f'Iżrael. Ir-regoli li Ġakbu talab lill-Kristjani Ġentili li jaċċettawhom kienu eżattament l-istess regoli li barrani li kien jgħix f'Iżrael kellu jaċċetta. Hu kellu jibqa' lura minn offerti ta' ikel mogħtija lil idoli, milli *jiekol* id-demm u milli *jiekol* annimali maħnuqa (evidentament inkluż dawk li mietu weħidhom), u kellu jirrispetta l-liġijiet tas-sess, li kienu jmorru wisq aktar fil-wisa' minn definizzjoni ta' "żina" li Ġentili jista' jkun jaf.

Mhux biss l-erba' ħwejjeġ, li Ġakbu semma kienu l-istess regolamenti li nsibu f'Levitku kapitli 17 u 18, dawn kienu msemmija saħansitra fl-istess ordni.

Dan hu dak lis-Soċjetà tat-Torri ta' l-Għassa ma tridx lis-segwaċi tagħha li jaħsbu dwaru. Il-kliem f'Atti 15:21, "*Għax sa minn żminijiet qodma…*", ma għandu l-ebda tifsira, tkun xi tkun, jekk dawn huma liġijiet assoluti, universali minn Alla għall-bnedmin. Kif jista' l-qari tal-liġi ta' Mosè fis-sinagogi Lhud ikun raġuni għall-Ġentili li joqgħodu għal-liġijiet universali? Iżda, dan jagħmel sens perfett meta aħna nifhmu li dawn kienu l-liġijiet minimi li Kristjan Ġentili kellu jobdi sabiex b'xi mod ikun aċċettabbli fil-komunità Lhudija.

Fil-partijiet tal-lvant ta' l-Imperu Ruman, barra mill-Palestina, madwar ħmistax sa għoxrin fil-mija tal-popolazzjoni kienu

Lhud. Normalment Lhud u Ġentili ma kinux jissieħbu wieħed ma' l-ieħor (ara Galatin 2:11-14). Madankollu, jekk il-Kristjani Ġentili kienu jaċċettaw dawn ir-regolamenti minimi mpoġġija għall-barranin li kienu jgħixu f'Iżrael, kien ikun aktar aċċettabbli soċjalment għall-Kristjani Lhud li jissieħbu magħhom. Din il-kondizzjoni għas-sħubija kienet magħrufa sewwa, mhux biss għal-Lhud, imma għall-Ġentili wkoll. Ġakbu rrifera għal dan il-fatt meta hu malajr semma l-liġi f'Levitku 17:1 sa 18:27 bil-kliem "*biex jitbiegħdu mit-tinġis ta' l-idoli, u miż-żina, u minn ħwejjeġ maħnuqa, u mid-demm*" (Atti 15:20).

Din hija l-ispjega li ġeneralment hija aċċettata minn maġġoranza ta' esperti:

> "L-okkażjoni tal-ħruġ tad-Digriet Appostliku kienet biex tqiegħed f'postha l-kustjoni jekk il-konverti Ġentili għall-Kristjaneżmu kellhomx ikollhom il-ħtieġa li joqgħodu għarrit taċ-ċirkonċiżjoni u jwettqu statuti oħra tal-Liġi ta' Mosè. Il-kunsill iddeċieda li osservanza bħal din ma kinetx meħtieġa għas-salvazzjoni; fl-istess ħin, iżda, sabiex ikun evitat li tingħata xi offiża bla bżonn lill-Kristjani Lhud (u lil-Lhud li kienu qegħdin jippreparaw biex isiru Kristjani), il-Kunsill talab lill-konverti Ġentili biex jagħmlu ċerti konċessjonijiet għal raġunijiet ta' prudenza, iżommu lura minn dawk l-atti li jistgħu joffendu l-iskrupli Lhud u jfixklu l-għaqda Soċjali, inkluż parteċipazzjoni flimkien fl-Ikla tal-Mulej." (Bruce M. Metzger: A Textual Commentary on the Greek New Testament, p. 430).

> "Jibqa', iżda, problema prattika. Fil-biċċa l-kbira tal-knejjes ta' l-emmiena Ġentili kellhom jgħixu qrib ta' xulxin ma' l-emmiena Lhud, li kienu miġjuba biex josservaw diversi liġijiet ta' l-ikel u biex jevitaw kemm jistgħu

għaqda mal-Ġentili. Waqt li ma kienx hemm aktar kustjoni dwar il-ħtieġa li l-Ġentili jissottomettu għal-liġi ċerimonjali, huma jagħmlu tajjeb li jġibu ruħhom konsiderevolment lejn "l-aħwa aktar dgħajfa" ta' twelid Lhudi, li mhux minn kollha jista' jkun mistenni minnhom li jiksbu dehra jew veduta ta' ħelsien minn fuq liġijiet ta' l-ikel u ħwejjeġ oħra bħal dawn bħal ma kisbu Pietru u Pawlu. Għalhekk, mingħjar ma ma jagħmel kompromess dwar il-libertà tal-Kristjani Ġentili, Ġakbu ta bħala l-opinjoni kkunsidrata tiegħu li huma għandhom ikunu mitluba biex jirrispettaw l-iskrupli ta' ħuthom il-Lhud billi jevitaw laħam li kellu assoċjazzjonijiet idolatri jew li minnu d-demm ma kienx imneħħi sewwa, u billi jaqblu mal-kodiċi għolja tal-Lhud ta' relażżjonijiet bejn is-sessi minflok ma jkomplu jimxu mal-qisien pagani li għlihom huma kienu wżati. Dan kellu jwitti t-triq ta' sħubija soċjali u tal-mejda bejn il-Kristjani ta' twelid Lhudi u pagan. (F.F. Bruce: Commentary on the Book of the Acts, 1962, Grand Rapids, Mi: Wm. B. Eerdmands Publishing Co., p. 311).

"[vers] 20. Iżda niktbulhom: Il-konnessjoni avversa, ta' dan li "ma nħabbtux" (v. 19), u l-qbid mill-ġdid ta' versi 10-11 fil-vers 19, juru li d-'digriet' huwa konċessjoni pjuttost milli impożizzjoni, tagħmel il-ħajja komuni u l-mejda possibbli mingħajr ma tqiegħed xi tagħbija jew obligu fuq dawk li ġew ġodda. L-erba' klawsoli (ukoll vers 28; 21:25) jidhru li huma erba' mill-ħwejjeġ preskritti minn Levitku 17—18 għall-barranin li joqgħodu f'Iżrael: laħam offrut lil idoli, l-ikel tad-

demm u ta' annimali maħnuqa (mhux maqtula ritwalment), u relazzjoni sesswali ma' qraba" (Richard J. Dillon in The New Jerome Biblical Commentary, 1990, Englewood Cliffs, NJ: Prentice Hall, p. 752).

Din l-interpretazzjoni hija wkoll appoġġjata minn numru ta' versi oħra tal-Bibbja lis-Soċjetà tat-Torri ta' l-Għassa għandha tipprova li ma tispjegahomx. Ħalli l-ewwel inħarsu lejn il-konklużjoni tal-kunsill. Dawn huma l-versi li huma magħrufa sewwa, u li ftit mifhuma, mix-Xhieda ta' Jehovah:

> Atti 15:27-29 – "*Għalhekk bgħatna 'l Ġuda u 'l Silas, li jgħidulkom ukoll l-istess kliem bil-fomm. Għax lill-Ispirtu s-Santu, u lilna, dehrilna sewwa, li m'għandniex ngħabbukom b'tagħbija akbar minn dawn il-ħwejjeġ li jinħtieġu; Li titbiegħdu mill-ikel issagrifikat lill-idoli, u mid-demm, u minn ħwejjeġ maħnuqa, u miż-żina: tagħmlu tajjeb tħarsu ruħkom minn dawn. Saħħa!*"

Ix-Xhieda ta' Jehovah ġeneralment jinterpretaw dan bħala kmand li wieħed għandhu joqgħod lura minn, fost ħwejjeġ oħra, d-demm. Iżda, it-test mhuwiex kmand, kif bosta sorsi huma nnutati fuq. Il-kummentatur tal-Bibbja magħruf sewwa F.F. Bruce jgħid:

> Għalkemm il-Grieg tat-Testment il-Ġdid hu pprovdut tajjeb b'verbi ta' kmandi huwa ta' min jinnota, kif F.J.A. Hort wera, li ebda wieħed minnhom ma huwa wżat hawn." (F.F. Bruce: Commentary on the Book of Acts, 1962, p. 315).

Ukoll jekk dan it-test kien japplika għall-Kristjani li qegħdin jgħixu llum, il-kliem innifsu jixhed li dan definittivament mhuwiex kmand. Bruce jikkwota wkoll lil Hort bħala li jgħid li hija "espressjoni qawwija ta' opinjoni, aktar minn parir u inqas

minn kmand." (F.F. Bruce: The Acts of the Apostles, 1990, p. 346). Minn dan, aħna nifhmu li meta l-kunsill jew konċilju ta' Ġerusalem qal "dawn il-ħwejjeġ meħtieġa," huwa rrifera għall-ħwejjeġ neċessarji biex ikun evitat konflitt bejn Kristjani Lhud u Ġentili (pagani), li fuq kollox kien dak li dwaru kienet il-kontroversja kollha.

Numru ta' versi oħra tal-Bibbja jappoġġjaw din il-konklużjoni: Atti 21 – "*huma mħeġġin ilkoll għal-liġi.*" Huwa nnutat li l-frizzjoni bejn il-Kristjani Lhud u dawk Ġentili ma spiċċatx ma' l-hekk imsejjaħ digriet mill-Konċilju Appostoliku ta' Atti kapitlu 15. Għal kuntrarju, meta Pawlu ġie lura lejn Ġerusalem xi żmien wara huwa sab lilu nnifsu f'nofs l-istess diskussjoni. Ġakbu qallu:

> "*...Tara, ħi, kemm eluf hemm fost il-Lhud li jemmnu; u huma mħeġġin ilkoll għal-liġi. U huma semgħu fuqek, li int qiegħed tgħallem lil-Lhud kollha, li huma fost il-Ġentili, biex jitilqu 'l Mosè, billi tgħid li m'għandhomx jagħmlu ċirkonċiżjoni lil uliedhom, u lanqas jimxu fuq id-drawwiet. X'sa jiġri issa?...*" (Atti 21:20-22a).

Ovvjament, ukoll għalkemm Ġakbu u l-kongregazzjoni kollha f'Ġerusalem kienu diġa ddeċidew li dan kien tabilħaqq korrett, kien iebes li jkun aċċettat għall-ħafna, speċjalment konverti Lhud aktar ġodda. Tabilħaqq, kien ħażin biżżejjed li l-Ġentili ma kinux obligati li jsegwu t-Torah (il-Liġi), imma l-konklużjoni ovvja li Kristjani Lhud ma kinux lanqas obligati li jsegwuha kienet tant kontroversjali li Ġakbu ma ppruvax iqajjimha. Għal kuntrarju, Ġakbu semma żewġ korsi ta' azzjoni biex jeqred 'l hekk imsejħa xniegħat li Pawlu kien qiegħed jitkellem kontra Mosè:

> Pawlu għandu jwettaq ritwali Lhudi magħruf sewwa, "naddaf lilek innifsek ċerimonjalment," flimkien ma' erbat irġiel Kristjani Lhud ubbidjenti ħafna tal-Liġi. Dan kien ja-

> għti l-impressjoni lil-Lhud kollha lix-xniegħat kienu ħżiena u li Pawlu kien "ukoll qiegħed iżomm il-Liġi."
>
> Ġakbu u l-oħrajn kienu, kif rajna, diġa bagħtu ittra jordnawlhom biex jieħdu ħsieb ħalli ma joffendux lil-Lhud. "*Imbagħad, dwar il-pagani li emmnu, aħna ktibnielhom li d-deċiżjoni tagħna hi li huma għandhom iħarsu rwieħhom mill-ikel issagrifikat lil l-idoli, mid-demm, mil-laħam ta' l-annimali fgati u miż-żina*" (vers 25).

Dawn iż-żewġ korsi ta' azzjoni kienu meħuda biex jevitaw milli joffendu lill-Kristjani Lhud. Il-kuntest u l-messaġġ taż-żewġ waqtiet tal-liġi kontra d-demm fit-Testment il-Ġdid (Atti 15 u 21), huwa li din il-liġi kienet biss biex tevita ġebla ta' tfixkil għal l-aħwa Lhud. Din *ma kinetx* liġi universali għall-bnedmin kollha, imma biss kustjoni ta' rispett għall-kuxjenza tal-Kristjani Lhud.

**1 Korintin 8 – Laħam offrut lil idoli.** Pawlu jittratta l-kustjoni dwar it-tfixkil kontra l-ħelsien fl-ewwel ittra tiegħu lill-Korintin. Is-suġġett li aktar tard kien indirizzat f'Ġerusalem, li għadna kif iddiskutejna, hu ndirizzat direttament minn Pawlu f'din l-ittra aktar kmieni. Hawn, Pawlu jikkonferma direttament lir-regola dwar li żżomm lura minn offerti lill-idoli (u dan għandu naturalment japplika għad-demm ukoll) ma kinetx liġi universali imma rikkmandazzjoni magħmula biex tevita tfixkil ta' oħrajn:

**1 Korintin 8:1,4,7:**

> "*Issa dwar il-laħam offert lill-idoli: nafu li lkoll għandna l-għerf….Mela dwar l-ikel tal-laħam offert lill-idoli: naf li l-idolu mhu xejn fid-dinja; ħadd mhu Alla ħlief wieħed….Iżda mhux kulħadd għandu l-għerf. Xi wħud, billi kienu mdorrija bl-idoli, jieklu l-laħam bħalli-*

*kieku kien offert lill-idoli; u billi tkun dgħa-jfa, il-kuxjenza tagħhom tittabba'.*"

Dan ipoġġi problema sinjifikanti għall-interpretazzjoni tas-Soċjetà tat-Torri ta' l-Għassa ta' Atti 15. Is-soluzzjoni ovvja, li l-interpretazzjoni tas-Soċjetà tat-Torri ta' l-Għassa hija ħażina, hija naturalment mhix aċċettabbli għalihom. Tant prestiġju jista' jintilef, u tant demm *letterali* kien imxerred f'li jsegwu l-projbizzjoni tad-demm li dan għandu jkun iddefenut ikun xi jkun il-prezz. *It-Torri ta' l-Għassa*, Ottubru 15, 1978, pp, 30-1, jipprova biex jindirizza dan f'Mistoqsijiet mill-kolonna ta' Qarrejja:

**"Ma qabilx l-appostlu Pawlu mal-ġisem li kien jiggverna ta' l-ewwel seklu dwar l-ikel ta' laħam offrut lill-idoli, kif xi wħud jikkonkludu meta jqabblu Atti 15:28,29 ma' 1 Korintin kapitlu 8?"**

Il-kliem tal-mistoqsija jassumi għarfien ta' Atti 15 li għalih hemm ftit appoġġ fit-test innifsu. Huwa ovvju lis-Soċjetà tat-Torri ta' l-Għassa lanqas saħansitra ma hija se tieħu r-riskju li tistaqsi l-*mistoqsija* t-tajba fil-perjodiċi tagħha, li tista' tikkawża lil xi wħud mill-membri ta' l-organizzazzjoni tax-Xhieda ta' Jehovah li jaħsbu bil-għaqal. Għalhekk is-Soċjetà tat-Torri ta' l-Għassa tieħu l-interpretazzjoni tagħha ta' Atti 15 kif mogħtija, u toħloq kontradizzjoni possibbli fiha nfisha fil-Bibbja. Il-qarrej issa jkollu l-attenzjoni tiegħu iffokata fuq li jsolvi dik li tidher kontradizzjoni, u aħna naraw lis-Soċjetà tat-Torri ta' l-Għassa tiggwida bil-għaqal l-attenzjoni 'l barra minn xi idea li tista' timplika lis-soluzzjoni tinsab fl-interpretazzjoni żbaljata tas-Soċjetà tat-Torri ta' l-Għassa ta' l-isfond għall-konċilju appostoliku, mhux fuq l-għarfien tal-*kliem "laħam offrut lill-idoli*."

Iżda, din hija l-ispjega li aħna nieħdu. Il-misotqsija mhix magħmula, għall-biża' li jgħidu lil Xhieda ta' Jehovah li ma jissusspettawx li dan l-argument jeżisti, imma s-Soċjetà tat-

Torri ta' l-Għassa madankollu tipprova biex tittratta ma dan f'dan l-artiklu, li jgħid:

> "Dak li d-digriet f'Atti 15:28, 29 ipprojbixxa kien li Kristjan ikun parti minn ċerimonja formali reliġjuża jew li hu jikkommetti att ta' idolatrija. Dawk li ssagrifikaw annimal lill-idolu ħadu xi laħam biex jiekluh. Dak li huma għamlu kien biċ-ċar att reliġjuż; kien ikkunsidrat li jaqsmu f'ikla ma' l-alla pagan. (Eż. 34:15; Dewt. 32:17; 1 Kor. 10:8-21.) Kristjani assolutament ma jistgħux jagħmlu dan. Id-digriet tal-ġisem iggvernat mill-Kristjani kien ipprojbixxih dan, u Pawlu kien fi qbil sħiħ. Hu kiteb: "Għalhekk, maħbubin tiegħi, aħarbu mill-idolatrija." – 1 Kor. 10:14; 1 Tess. 1:19."

Din mhix tweġiba, hija kontradizzjoni diretta tat-test tal-Bibbja! Atti 15:29 u 1 Korintin 8:4 *jużaw eżattament l-istess kliem Grieg*. Iż-żewġ postijiet il-kelma hija *eudolòthutos*, kif jikkonferma meta tikkonsulta l-*Kingdom Interlinear Translation* tas-Soċjetà ta' l-Għassa. Madankollu, in-*New World Transaltion*, li tistqarr li hija traduzzjoni kelma-għall-kelma. Tgħid "ħwejjeġ issagrifikati lill-idoli" f'Atti 15:29 u "ikel offrut lill-idoli" fl-1 Korintin 8:4, mingħajr ebda raġuni oħra milli biex taħbi x-xebħ.

Ma hemm ebda xhieda hi x'inhi li d-digriet appostoliku kien dwar "li jkun parti minn ċerimonja formali reliġjuża jew li hu jikkommetti att ta' idolatrija." Kif diġa rajna, Pawlu *juża l-istess* espressjoni kif għamel Luqa f'Atti 15:29. Xejn fil-kuntest lanqas fl-espressjoni ma jindika li Atti jirriferi għal xi prattika oħra ħlief li jittiekel laħam offrut lill-idoli. Ukoll għalkemm Atti 15:20 juża espressjoni differenti (*NWT* tgħid "ħwejjeġ imniġġsa mill-idoli"), dak ma jagħti ebda appoġġ għas-Soċjetà tat-Torri ta' l-Għassa. L-ittra finali u l-esspressjoni orali li uża Ġakbu kellhom iffissru eżattament l-istess ħaġa, jew inkella l-ittra ma kinetx tkun miftiehma b'mod korrett. Ma hemm ebda

xhieda li din l-espressjoni rreferiet għal xi ħaġa oħra barra minn "laħam offru lill-idoli," pura u sempliċi, u aħna rajna dan ikkonfermat f'Atti 21.

Dawn iż-żewġ testi flimkien jagħtu prova lit-test f'Atti 15: 28, 29 mhuwiex kmand universali. Kienet rikkmandazzjoni qawwija għall-Kristjani Ġentili biex isegwu ċerti regoli fit-Torah ħalli jevitaw milli jfixklu lil ħuthom Lhud. Pawlu jikkonfermah dan, u żamm l-istess rikkmandazzjoni, imma hu jgħid ukoll li sakemm int ma tfixkilx lil ħuk, huwa perfettament aċċettat li tiekol dan l-ikel. Il-konklużjoni ta' Pawlu tapplika għall-projbiżżjoni tad-demm ukoll:

> "*Imma l-ikel ma jressaqniex lejn Alla: għax lanqas, jekk nieklu, ma nkunu aħjar; lanqas jekk ma niklux, ma nkunu agħar*" (1 Korintin 8:8).

Fl-aħħarnett, dawk li jinsistu fuq li jargumentaw dwar liġi tad-dieta għal-lum jagħmlu tajjeb li jagħtu widen għat-twissija li ġejja minn Ġesù Kristu Nnifsu:

> "*M'hemm xejn barra mill-bniedem, li meta jidħol fih jista' jħammġu: iżda l-ħwejjeġ li joħorġu barra minnu, dawk huma li jħammġu l-bniedem….Għax minn ġewwa, mill-qalb tal-bniedem, joħorġu l-ħsibijiet ħżiena….*" (Mark 7:15, 21).

Ħalli issa naraw mill-ġdid xi ħaġa dwar dawk is-siltiet mit-Testment il-Qadim kif ukoll mit-Testment il-Ġdid.

**Levitku 3:17; 7:27**,

> "*Dan ikun statut għal dejjem, għal nisilkom kollha, fl-għamajjar kollha tagħkom kollha, li ma* ***tieklux*** *l-ebda xaħam u l-ebda demm… Kull min jiekol xi demm, ikun maqtugħ minn niesu*" (enfasi tiegħi).

Il-mistoqsija hawn hija din: "Dan il-kliem għal xhix qiegħed jirreferi?" Dan jikkonċerna l-offerti **ta' annimali** (mhux tal-

bnedmin) f'sagrifiċċji taħt il-kodiċi Levitka jew il-Liġi ta' Mosè. Wieħed jinnota wkoll li Levitku 3:17 u 7:23 jgħidu li "wieħed *jiekol* ix-xaħam UKOLL kien ipprojbit." Dan kien ta' **l-istess** importanza daqs kemm kien id-demm. Dan il-prozjon kien, taħt dik il-liġi, tal-Mulej. Wieħed hawn jistaqsi: "Jgħallem it-Torri ta' l-Għassa tax-Xhieda ta' Jehovah biex qatt huma ma jieklu x-xaħam ta' xi annimal f'xi forma?" Ċertament li le!

**Levitku 17:10, 11, 14**,

> "*U kull wieħed minn dar Iżrael, jew mill-għorba li jgħammru magħkom, li* ***jiekol*** *xi demm; indawwar wiċċi kontra min ikun* ***kiel*** *id-demm, u neqirdu minn fost niesu. Għax il-ħajja tal-laħam hi fid-demm: u jien tajtulkom fuq l-artal biex tagħmlu offerta ħa tgħattu dnubkom għalikom infuskom; għax hu d-demm, li hu l-ħajja, li jgħatti d-dnub….Għax il-ħajja taq' kull laħam hu d-demm: f'demmu hemm il-ħajja; għalhekk jien għidt lil ulied Iżrael: La* ***tieklu*** *id-demm ta' l-ebda laħam: għax id-demm hu l-ħajja ta' kull laħam; kull min* ***jiekol*** *minnu jinqata!*" (enfasi tiegħi).

Biex aħna nifhmu sewwa għal liema demm qiegħed jirreferi, ħalli nħallu l-Kelma ta' Alla tgħidilna Hi u mhux innaqqsu minnha u nikkwotaw biss dawk il-versi li jkun jaqbel lilna, kif fil-fatt isir dwar dan it-tagħlim falz mit-Torri ta' l-Għassa. Vers 13, li mhu-wiex ikkwotat wisq fil-letteratura tax-Xhieda ta' Jehovah, jagħtina l-qofol biex nifhmu sewwa dwar xhiex qiegħed jitkellem. Dan il-vers jgħid hekk:

> "*U kull wieħed minn ulied Iżrael, jew mill-għorba li jgħammru fostkom, li* ***jonsob*** *u jaqbad xi* ***dbiba jew tajra*** *li jistgħu* ***jittieklu;*** *ixerred demmhom, u jgħattih bit-trab*" (enfasi tiegħi).

Jiena ċert li int li qiegħed taqra dan diġà indunajt dwar xhiex qiegħed jitkellem jekk hux dwar id-demm tal-bniedem jew ta' l-

annimali u t-tjur! Huwa ċar ħafna li dan qiegħed jittratta dwar "KULL ANNIMAL JEW GĦASFUR" maqbudin fil-kaċċa jew fl-insib **u mhux** dwar it-trasfużjoni tad-demm tal-bniedem! Innota sewwa vers ħdax. Ir-raġuni għal dan ir-rispett hija minħabba s-santità **tal-ħajja**.

**Atti 15:19-21; 21:25,**

> "*Għalhekk, il-fehma tiegħi hi, li ma mħabb-tux lil dawk, li minn fost il-Ġentili (pagani) jdur lejn Alla: Iżda niktbulhom biex jitbie-għed mit-tinġis ta' l-idoli, u miż-żina, u minn ħwejjeġ maħnuqa, u mid-demm.* ***Għax Mosè*** *sa minn żminijiet qodma f'kull belt min ixan-dru, billi jinqara fis-sinagoga kull nhar ta' Sibt…Dehrilna sewwa, miġmugħin b'fehma waħda, li nibagħtulkom irġiel magħżulin mal-maħbubin tagħna Barnaba u Pawlu*" (enfasi tiegħi).

Dawn l-Iskritturi jittrattaw ma' żmien meta l-bidla l-kbira bejn ir-reliġjon Lhudija u l-Kristjaneżmu kienet qed isseħħ. Il-Lhud kell-hom diffikultà li jaċċettaw illi l-Evanġelju ħa post il-Liġi u l-fatt li l-Evanġelju kien għal kulħadd. Xi wħud ħassew li l-pagani għand-hom l-ewwel isiru Lhud, imbagħad Kristjani. Oħrajn, ħassew li huma għandhom iżommu l-Liġi ta' Mosè mat-tagħlim ta' Ġesù Kristu u ta' l-appostli. Meta wieħed iħares fid-dawl tat-Testment il-Ġdid, aħna nafu li dawn kienu żbaljati. L-appostlu Pawlu jwissi dwar li tmur lura għal-Liġi. (ara Galatin 5:1-6.) Eżempju ta' dan nistgħu narawh ukoll f'Malta fejn il-Knisja Kattolika Rumana snin ilu neħħiet il-kundanna ta' dnub mejjet minn fuq dawk li kienu jieklu l-laħam nhar ta' Ġimgħa imma minkejja dan xorta llum għad hawn min ma jridx jiekol laħam f'dak il-jum speċjalment nies Kattoliċi anzjani! Imma ara jekk tat-Torri ta' l-Għassa tax-Xhieda ta' Jehovah jaqblux ma' dak li tgħid il-Kelma ta' Alla.

> "*Imma dawk kollha li jgħixu bl-opri tal-liġi huma taħt is-saħta. Għax hemm miktub:*

> *'Misħut kull min ma joqgħodx għall-ħwejjeġ **KOLLHA li hemm imniżżla fil-ktieb tal-liġi U MA JAGĦMILHOMX**"* (Galatin 3:10); enfasi tiegħi).

Jordna t-Torri ta' l-Għassa lis-segwaċi tiegħu biex huma **jagħmlu** u jħarsu dak kollu li hemm fil-liġi ta' Mosè? Żgur li le!

Mela, l-ewwel minn dawn is-siltiet li qrajna juri li laqgħa kienet imsejħa f'Ġerusalem bl-appostli kollha u x-xjuħ biex jiddiskutu l-problema ta' kemm mil-Liġi għandu jkun marbut fuq il-pagani. B'riżultat Ġakbu kiteb lill-knejjes li huma għandhom jevitaw erba' ħwejjeġ: tniġġis ta' l-idoli, żina, laħam ta' l-annimali fgati u d-demm, **l-ikel** tad-demm. Ir-raġuni għall-ewwel tnejn hija ċara. Dawn kienu kontra l-prinċipji fundamentali kemm tar-reliġjon Lhudija kif ukoll tal-Kristjaneżmu. Ir-raġuni tat-tieni hija mogħtija fil-vers 21. Il-kelma "*għaliex*" tfisser "minħabba fi" jew "għall-iskop ta'." Din kienet sabiex l-ebda offiża jew ġebla ta' tiġrif ma tiġi mpoġġija quddiem il-Kristjani Lhud. Għal tifsira ċara ta' dan il-prinċipju, wieħed għandu jaqra l-Ewwel Korintin kapitlu tmienja fejn jittratta dwar il-laħam offert lill-idoli. Ukoll, dawn is-siltiet qegħdin jitkellmu dwar **l-ikel tad-demm ta' l-annimali**, imorru lura għall-kodiċi Levitka tas-sagrifiċċju u **mhux** dwar id-demm tal-bniedem! Ukoll, meta wieħed jaqra dak li jintqal f'Kolossin 2:20-23, fejn l-appostlu Pawlu jgħid,

> "*Ladarba intom, bil-mewt ma' Kristu, **ħlistu** mill-prinċipji tad-dinja, il-għala issa, bħallikieku għadkom tgħixu għad-dinja, tintrabtu bi preċetti bħalma huma: "La tiħux dan, la dduqx din, la tmissx dak"? U dan kollu għal ħwejjeġ li jiġu fix-xejn bl-użu: **preċetti u tagħlim tal-bnedmin**. Fil-wiċċ jidhru li fihom xi għerf: qima volontarja, umiltà u tgħakkis tal-ġisem; fir-realtà ma jiswew xejn ħlief biex ipaxxu l-frugħat tal-bniedem*" (enfasi tiegħi).

Ukoll naqraw f'1 Timotju 4:1-4,

> "*L-Ispirtu jgħidha ċar li fl-aħħar taż-żminijiet xi wħud jitbiegħdu mill-fidi u jagħtu widen għal spirti qarrieqa u għal tagħlim tax-xjaten. Dawn jisfaw imqarrqa minn nies giddieba, li għandhom il-marka tal-ħażen fuq il-kuxjenza tagħhom; bħal dawk li jikkundannaw iż-żwieġ u ma jridux li jittiekel ikel li Alla ħalqu biex jittieħed b'radd-il-ħajr minn dawk li ħaddnu l-fidi u li waslu għat-tagħrif sħiħ tal-verità.* ***Kull ma ħalaq Alla hu tajjeb****.* ***Xejn ma għandu jitwarrab*** *minn dak li jista' jittieħed b'radd ta' ħajr, ladarba tqaddes bil-kelma ta' Alla u bit-talb*" (enfasi tiegħi).

F'Rivelazzjoni 22:14-15, Ġwanni jurina li l-ewwel tnejn, jiġifieri, l-idoli u ż-żina jibqgħu japplikaw sal mewt imma kemm li wieħed li **jiekol** (mhux trasfużjoni tad-demm) minn ħwejjeġ maħnuqa u mid-demm dawn ma baqgħux japplikaw għall-Kristjani. Hawn f'dawn il-versi naqraw hekk:

> "*Hienja dawk li jaħslu lbieshom, sabiex ikollhom is-setgħa fuq is-siġra tal-Ħajja u jidħlu fil-Belt mill-bibien. Jibqgħu barra l-klieb u s-saħħarin, iż-żienja u l-qattiela, l-idolatri u dawk kollha li jħobbu l-qerq u jagħmluh!*"

Imkien hawn ma nsibu msemmija d-demm u l-ħwejjeġ maħnuqa! Imma kemm iż-żina kif ukoll l-idolatrija huma kkundannati! Mhux hekk biss, imma l-qattiela wkoll huma kkundannati! U nistaqsi jien, jekk wieħed iħalli persuna tmut meta *huwa jaf* li jekk se tingħata trasfużjoni tad-demm din issalva, allura lil dan xi nsej-ħulu? Kemm tfal innoċenti, li ma kellhom ebda saħħa li jiddeċiedu għalhom infushom (l-istess bħal dawk li jiġu maqtula bl-abort), tħallew imutu b'dan il-mod! Il-Kelma ta' Alla turina b'mod ċar ħafna dwar dawn il-ħwejjeġ.

Dawn is-siltiet, għalhekk, kollha jittrattaw ma' **li wieħed jiekol mis-sagrifiċċji ta' l-annimali taħt il-Liġi ta' Mosè u mhux dwar trasfużjoni tad-demm**.

Il-prinċipju prinċipali, bla ebda dubju huwa l-qdusija jew is-santità tal-ħajja (Ġenesi 9:4-6; Levitku 17:11). Għalhekk, id-demm kien sagru f'dak li huwa kien jissinjifika u jirrappreżenta l-ħajja, il-qdusija tal-ħajja.

Huwa mela l-prinċipju tal-qdusija tal-ħajja miżmum jew meqrud fl-għotja tad-demm permezz ta' trasfużjoni tad-demm? Billi wieħed jirrifjuta li jagħti d-demm, dan ikun qiegħed jonqos milli jagħmel dak kollu li huwa jkun jista' jagħmel **ħalli jippriserva l-ħajja**. Dan ikun qiegħed jagħmel *għażla libertuża* biex iħalli persu-na tmut. Ċertament li dan imur kontra l-prinċipju fundamentali ta' Alla, jiġifieri, li l-ħajja hija sagra.

**L-ikel** tad-demm kien assoċjat ma' l-idolatrija, flimkien ma' żina bla rażan, sagrifiċċji umani u prattika oħra bħal din. Ċertament, il-Kristjani qatt m'għandhom jassoċjaw ruħhom ma' l-idolatrija.

Għalhekk, il-kmand li jikkonċerna **l-ikel** tad-demm ta' **l-annimali** biċ-ċar m'għandu xejn x'jaqsam, ma' trattament mediku ta' trasfużjoni tad-demm uman. Kieku aħna, ta' l-Epoka Kristjana, għadna taħt il-Liġi ta' Mosè (li biċ-ċar m'aħniex), allura KULL ordni ta' dik il-liġi għandha tkun miżmuma u obduta kif ukoll osservata. Mistoqsija oħra hija din: "Jinsistu x-Xhieda ta' Jehovah li Levitku 17:1-9 għandu jkun osservat u miżmum? Kull darba li huma jieklu l-laħam, ikunu ħaduh quddiem it-tabernaklu u jroxxu d-demm tiegħu fuq l-artal quddiem il-bieb (versi 4 u 6)?

*Ċertament li dan ma jagħmluhx avolja huwa parti mill-istess kontenut fejn huma josservaw il-liġi tad-demm!* Mela għalfejn tinsisti (u miskin ikun min ikun il-vittma) fuq ir-regolamenti l-oħra li jirrigwardjaw is-sagrifiċċju? (ara bħala eżempju Mattew 15:1-20).

Naqraw f'Mark 7:15, fejn il-Mulej jgħidilna li:

> "***Ma hemm xejn*** *minn barra li meta jidħol fi bniedem itebbgħu; imma dak li joħroġ minn ġol-bniedem, dak hu li jtebba lill-bniedem*" (enfasi tiegħi).

Ilkoll nafu x'ried ifisser il-Mulej. Imma jekk fil-każ xi ħadd jipprova jagħti l-kliem tal-Mulej xi interpretazzjoni, ħalli nkomplu naraw x'qal aktar dwar dan:

> "*Jekk wieħed għandu widnjen biex jisma' ħa jisma'. U meta daħal id-dar minn fejn in-nies, id-dixxipli tiegħu staqsewh fuq il-parabbola. U hu qalilhom: Hekk intom ukoll bla deħen? Ma tifhmux, li* ***kull ħaġa li minn barra tidħol fil-bniedem ma tistax tniġġsu****; Għax ma tidħolx* ***f'qalbu****, iżda* ***f'żaqqu****, u tmur fil-kanal, li minnu jissaffa* ***kull ikel****? U qal: Dak li joħroġ mill-bmiedem, dak iniġġes il-bniedem. Għax minn ġewwa, mill-qalb tal-bnedmin, joħorġu l-ħsibijiet ħżiena, l-adulterju, iż-żina, is-serq, ix-xeħħa, il-ħżunija, il-qerq, il-ħajja bla rażan, il-għajn ħażina, id-dagħa, il-kburija, il-bluha.* ***Dawn il-ħwejjeġ ħżiena kollha jiġu minn ġewwa, u jniġġsu l-bniedem***" (Mark 7:17-23; enfasi tiegħi).

Tnax-il ħaġa ħażina semma l-Mulej dwar it-tniġġis tal-bniedem, imma t-trasfużjoni tad-demm, lix-Xhieda ta' Jehovah jgħidu li tniġġes lill-bniedem, mhix imsemmija! Dak li hu fiżiku jew mater-jali ma jniġġis il-bniedem. Ġesù hawn qiegħed jgħid li **l-qalb** tal-bniedem hija qisha gaġġa mimlija b'għasafar mhux nodfa; għal-hekk joħorġu ħsibijiet ħżiena, jew kontra Alla jew kontra l-ġirien tagħna. Is-Salvatur tagħna jagħtina struzzjoni f'dottrina meħtieġa u bżonnjuża ħafna, tmiss il-kawża vera u oriġinali tat-tniġġis spirit-wali kollu, jiġifieri, il-ħmieġ u n-nuqqas ta' safa tal-qalb tal-bnie-dem. U dan mhuwiex *it-trasfużjoni* li persuna tieħu jew tagħti, lan-qas *il-laħam* li tiekol minn ħalqha, imma l-ħażen tal-qalb li joħroġ mill-ħalq, li jniġġes persuna f'għajnejn Alla!

Dan il-kliem huwa kliem il-Mulej Ġesù Kristu Nnifsu, u dan għandu jkun biżżejjed għalina biex juri li *ma hemm xejn ħażin f'li xi ħadd jagħti d-demm jew jieħu trasfużjoni tad-demm*. Kien

Ġesù Kristu, l-Għimmanuel, Alla magħna, (Atti 20:28; Mattew 1:23) li ta Demmu stess biex isalvana:

> "*Ħudu ħsieb tagħkom infuskom u tal-merħla kollha li l-Ispirtu s-Santu għamilkom għassiesa tagħha biex tirgħu l-knisja ta' Alla li hu KISEB B'DEMMU STESS*" (Atti 20: 28).

Mela, jekk id-Divinità għamlet dan, kemm aktar u aktar għandna aħna nagħmlu minn kollox biex insalvaw ħajja ta' bniedem, jew ta' tarbija li tkun ġiet fdata lilna?

Jekk Alla, f'sura ta' bniedem (Filippin 2:5-7) ta demmu stess għalina l-bnedmin, biex isalvana, ma nkunux aħna qegħdin nimxu fuq l-eżempju Tiegħu meta nagħtu mid-demm tagħna ħalli nsalvaw (fiżikament) ħajja ta' bniedem ieħor?

Tassew il-ħajja jagħtiha Alla waħdu u mhux il-bniedem, imma nistaqsi jien, skond dan l-argument tax-Xhieda ta' Jehovah, allura jekk nieħdu mediċini biex infiequ minn xi marda qerrieda, jekk nieħdu xi njezzjoni direttament fil-vina, jekk inpoġġu xi tarbija, li tkun għandha kif twieldet qabel iż-żmien fl-inkubatur, eċċ., eċċ., ma nkunux aħna qegħdin nieħdu post Alla? Ċertament li le!

Dwar l-ulied, Alla jgħidilna li dawn:

> "*huma wirt tal-Mulej: u l-frott tal-ġuf hu l-ħlas tiegħu*" (Salm 127:3).

Dwar il-profeta Ġeremija, Alla qal,

> "*Qabel ma sawwartek fil-ġuf, kont nafek; u qabel int ma ħriġt mill-ġuf, qaddistek, u jien għamiltek profeta tal-ġnus*" (Ġeremija 1:5).

F'Isaija 49:1, 5 naqraw:

> "*…il-Mulej sejjaħli mill-ġuf; sa minn ġuf ommi hu semma ismi…U issa, igħid il-Mulej, li sawwarni sa mill-ġuf biex inkun il-qaddej tiegħu.*"

Ħarsa fuq fuq lejn dan il-versi tindika li Alla jagħżel lil dik il-persuna, lil dik it-tarbija waqt li tkun għadha f'ġuf ommha għall-pjan Tiegħu. Kemm aktar u aktar, meta aħna nafu dan, għandna

nagħmlu minn kollox biex dik it-tarbija li tkun għadha kif ġiet fid-dinja, fdata lilna, jekk kemm il-darba din tkun teħtieġ li tingħata d-demm biex tgħix, għandna nsalvawha f'każ ta' xi diffikultà? Il-pjan ta' Alla għal dik it-tarbija aħna ma nkunux nafuh u għalhekk huwa d-dmir sagrosant tagħna li naraw li din it-tarbija tgħix, u li ma ssirilha l-ebda ħsara u mhux li noqgħodu nħarsu lejha u noġġezzjonaw għall-għotja tad-demm u nħalluha tmut meta nafu li nistgħu nsalvawlha ħajjtiha! Ħares lejn l-uċuħ kollha ħajja li jinsa-bu fil-paġna li jmiss, u li issa minħabba dan it-tagħlim falz jinsabu taħt it-trab illum, kif dak li kellu ppjanat Alla għalihom ġie mfixkel mill-bniedem! Ċertament li Alla kellu xi pjan għal kull wieħed u waħda minn dawn iż-żagħżagħ! Hija r-responsabbiltà kbira tagħna li naraw li dan ma jsirx!

Il-ħajja umana hija maħluqa biex titwettaq. L-akkwist ta' ħajja aħjar m'għandux jiġi mfixkel mill-bniedem, iżda għandu l-bniedem jagħmel ħiltu kollha biex jara li dan iseħħ. Salamun jgħid fi Proverbji 6:16-17, illi Alla jobgħod sitt ħwejjeġ u waħda minn dawn is-sitt ħwejjeġ hija li Hu jobgħod lil dawk li jxerrdu demm innoċenti:

> "*Hemm sitt ħwejjeġ li jobgħod il-Mulej: Iva, sebgħa huma mistkerrħin minnu: Għajnejn imkabbra, ilsien giddieb,* ***u idejn li jxerrdu demm bla ħtija***" (enfasi tiegħi).

X'jista' jkun aktar innoċenti minn tfal ċkejkna mingħajr l-ebda forza li jkunu jiddependu mill-ġenituri tagħhom f'każ li dawn ikollhom bżonn ta' trasfużjoni tad-demm biex jgħixu!

Mela ejjew nagħtu aktar widen għat-twissijiet tal-Kelma ta' Alla bħal:

> "*Qisu li ħadd ma jassarkom b'filosofija u kliem qarrieq u fieragħ skond dak li hu ġej mill-bnedmin; skond il-prinċipji tad-dinja u mhux ta' Kristu*" (Kolossin 2:8).

> "*Tħallu lil ħadd iqarraq bikom bi kliem fie-ragħ, għaliex minħabba f'hekk tinżel il-korla*

*t'Alla fuq dawk li ma jisimgħux*" (Efesin 5: 6).

Għal aktar informazzjoni, ikkuntattja lill-

Knisja Ta' Kristu
Flat 1, Polytechnic Flats,
Ġużè Devono Square,
Msida. MSD 10

Jew:
e-mail: info@churchofchristmalta.com